MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2007

Appell Civili Numru. 413/2001/1

**Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b' Dizabilita`**
**v.**
**Michele Peresso Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Marzu 2001, il-Kummissjoni attrici ppremettiet illi fid-19 April 2000, hija rceviet ilment dwar nuqqas ta' access ghall-bini maghruf bhala Europharma f'Psaila Street, Birkirkara liema bini huwa proprjeta` tas-

socjeta` konvenuta, u mill-liema bini jinbiegh apparat intiz ghal uzu minn persuni b'dizabilita`; illi dan il-fatt jikkostitwixxi diskriminazzjoni fil-konfront tal-persuna li ghamlet l-ilment ai termini ta' l-Att Dwar Opportunitajiet Ndaqs (Persuni b'Dizabilita`) (Att I/2000); illi dan il-bini huwa proprjeta` ta', u n-negozju hemm gestit huwa tas-socjeta` konvenuta; illi l-attrici infurmat lis-socjeta` konvenuta b'dan l-ilment f'l-20 ta' April 2000 (Dok A); illi minkejja korrispondenza fit-tul bejn il-kontendenti u laqgha fuq il-post, is-socjeta` konvenuta naqset li taghti informazzjoni definittiva dwar meta ser taghmel dak kollu necessarju sabiex tigi rimedjata s-sitwazzjoni; illi ghalkemm l-attrici ghamlet proposta sabiex din il-kwistjoni tigi riferita ghall-arbitragg, is-socjeta` konvenuta ma tat l-ebda risposta (Dok B); illi ai termini ta' l-Att 1 tas-sena 2000 u l-Avviz Legali numru 13/2001 il-Kummissjoni attrici ghandha s-seta' li tirreferi hi kwistjonijiet quddiem din il-Qorti; dan premess l-istess Kummissjoni talbet li dik il-Qorti:

1. tiddikjara li s-socjeta` konvenuta hija hatja ta' diskriminazzjoni ai termini ta' l-Artikoli 12(1)(C) ta' l-Att 1 tas-sena 2000.

2. tipprefiggi zmien qasir u perentorju li fih is-socjeta` konvenuta ghandha taghmel ix-xogholijiet kollha necessarji sabiex tipprovdi access liberu fil-bini maghruf bl-isem Europharma Psaila Street, Birkirkara.

3. occorrendo tipprefiggi wkoll zmien qasir u perentorju li fih is-socjeta` konvenuta ghandha tissottometti kull applikazzjoni necessarja ma' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar ghall-permessi relattivi.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-protest gudizzjarju tas-6 ta' Dicembru 2000, kontra s-socjeta` konvenuta mil-lum ingunta ghas-subizzjoni.

B'nota ta' l-eccezzjonijietipprezentata fil-25 ta' April 2001, is-socjeta` konvenuta eccepiet:

"1. Illi t-talbiet tal-Kummissjoni attrici ghandhom jigu respinti billi kemm a tenur ta’ l-Att Nru. 1 tas-sena 2000 kif ukoll a tenur ta’ l-A.L.13/2001 hi m’ghandhiex il-poter li tintavola kawza bil-mod kif intavolat din il-kawza; fil-fatt hi ghandha biss poter tirreferi l-kaz quddiem din l-Onorabbli Qorti u mhux tagixxi minflok il-persuna li allegatament giet diskriminata.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ma gietx segwita mill-Kummissjoni l-procedura kkontemplata fl-Att u fl-Avviz Legali msemmija aktar `l fuq.

3. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, is-socjeta` eccipjenti mhijiex hatja ta’ diskriminazzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 12(1)(C) ta’ l-Att 1 tas-sena 2000 billi hemm access adegwat ghal persuni b’dizabilita` ghall-“bini maghruf bhala Europharma f’Psaila Street Birkirkara”; fil-fatt is-socjeta` eccipjenti hija pijuniera fil-qasam ta’ access ghal persuni b’dizabilita` billi hafna snin qabel ma dahal in vigore l-Att invokat mill-Kummissjoni attrici hija kienet diga` hasbet ghall-htigijiet ta’ persuni b’dizabilita` illi jkollom bzonn juzaw il-bini taghha fi Psaila Street, Birkirkara.

4. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, il-talbiet tal-Kummissjoni attrici ghandhom jigu respinti billi fil-konfront tas-socjeta` konvenuta japplikaw partijiet ohra ta’ dan l-Att *de quo* fosthom s-subartikolu (2) ta’ l-Artikolu 12.

5. Illi jekk xi hadd qieghed jipprattika xi forma ta’ diskriminazzjoni hija proprju l-Kummissjoni attrici illi ghal skop(ijiet) li taf hi biss iddecidiet li l-ewwel mira taghha ghandha tkun is-socjeta` eccipjenti u dan meta fil-pajjiz huma eluf ta’ postijiet, inkluzi dipartimenti governattivi u postijiet pubblici, fejn l-access ghal persuni b’dizabilita` mhux talli mhux adegwat imma hu ghal kollox inezistenti."

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fil-25 ta’ Frar, 2005 billi ddecidiet hekk:
“Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, prevja rigett ta' l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta` konvenuta, tilqa’ it-talbiet attrici u, filwaqt li tiddikjara s-socjeta` konvenuta hatja ta’ diskriminazzjoni fit-termini tal-Artikolu 12[1][c] tal-Att.1/2000; tordna li fi zmien xahrejn, mill-hrug tal-permess relattiv mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar, is-socjeta` konvenuta taghmel ix-xogholijiet necessarji sabiex tipprovdi access liberu u adegwat li jaghti ghall-imsemmi stabbiliment u tordna li, fi zmien gimaghtejn mid-data li dan il-gudizzju jghaddi f’ gudikat, l-istess socjeta` tissottometti lill-Awtorita’ ta' l-Ippjanar l-applikazzjoni necessarja ghal permessi relattivi ghal dan il-ghan.

"L-ispejjez a kariku tas-socjeta’ konvenuta.”

U dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Ikkunsidrat;

“**Kwadru tal-fatti**

“Illi l-vertenza li wasslet ghall-proceduri odjerni originat minn ilment li l-Kumissjoni rceviet fis-19 ta’ April 2000 minn persuna b’ dizabilita’ fizika, fis-sens li kien hemm nuqqas ta’ access adegwat fil-kumpless maghruf bhala Europharma sitwat go Psaila Street Birkirkara, gestit mis-socjeta’ konvenuta, u senjatament dik il-parti li taghti ghall-medical centre minn fejn jinxtara apparat mehtieg ghall-persuni b’ dizabilita.’ L-ilment kien jikkoncerna rampa li hemm fuq il-faccata tal-bini.

“Illi il-Kummissjoni in esekuzzjoni tal-manzjonijiet taghha inizjat investigazzjonijiet dwar il-kaz u b’ ittra datata 20 ta’ April 2000 informat lis-socjeta’ konvenuta b’ dan l-ilment. Giet skambjata korrispondenza u saru laqghet bejn iz-zewg partijiet, saret ukoll proposta minn naha tal-Kummissjoni sabiex il-kaz jigi riferut lil arbtitragg, izda b’ ezitu negattiv, bir-rizultat li, wara li kien sar protest gudizzjarju minn naha attrici, il-kaz gie eventwalment

riferut lil din il-Qorti permezz tac-citazzjoni odjerna prezentata fl-14 ta' ta' Marzu 2001.

"Illi gurnata wara l-prezentata tal-att tac-citazzjoni, u cioe' fil-15 ta' Marzu 2001 is-socjeta' konvenuta pprezentat applikazzjoni lill-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex isiru x-xogholijiet mehtiega sabiex ir-rampa de quo tkun konformi mal-kriterji tal-accessibilita'; u fit-30 ta' Awissu tal-istess sena l-applikazzzjoni giet approvata, izda minkejja dan, ix-xogholijiet baqghu ma sarux. Sussegwentement fil-21 ta' Mejju 2002 gew prezentati pjanti godda minn naha tas-socjeta` konvenuta, izda din ghadha pendenti, bir-rizultat li sallum ix-xogholijiet rimedjali ghadhom ma sarux.

"**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

"Illi in sostanza l-ilment maghmul mill-Kummissjoni jikkoncerna rampa li hemm faccata tal-bini, u li taghti access ghall-main display area tal-istess bini. Huwa sostnut minn naha tal-Kummissjoni li din ma tikkostitwixxix access adegwat primarjament stante li hija wieqfa wisq u li ghalhekk tipprezenta diffikulta' kbira ghal min ikun f' wheelchair u jrid jitla' r-rampa, u perikoluza ghal min irid jinzilha. In-nuqqasijiet ossia d-difetti ta' din ir-rampa li jirrenduha mhux konformi mal-kriterji tal-accessibbilita` gew konfermati mill-Perit Hector Zammit, inkarigat mill-attrici biex jaghti l-parir tekniku f' dan ir-rigward, liema difetti jinsabu dettaljatament indikati f' rapport tieghu li jgib id-data tas-26 ta' Frar 2000.[1] Dan il-Perit ikkonferma li huwa bbaza r-rapport tieghu fuq pjanti maghmula mill-Perit tas-socejta' konvenuta, u fl-affidavit tieghu spjega li "mhux kull rampa tipprovdi access lil persuna b' dizabilita' ghaliex fost il-kriterji ta' l-accessibilita' hemm fost ohrajn il-wisgha-rampa, il-gradient, it-texture tal-wicc u hand-rails."[2]

"Il-pretensjoni tal-Kummissjoni attrici hija li dawn id-difetti fir-rampa jirrenduha inidonea ghall-uzu intiz u jirrendu l-post mhux facilment accessbbli ghal persuna b' dizabilita' bi ksur ta' dak li hemm kontemplat fil-paragrafu [c] tas-sub inciz [1] tal-Artikolu 12 li jirravviza stat ta' diskriminazzjoni

[1] Fol.34
[2] Fol.22

kontra  persuni b’ dizabilita’ relattiv ghall access ghall-bini uzat mill-pubbliku, “[c] ghar-rigward ta’ l-ghoti ta’ mezzi ta’ dhul f’ dak il-post inkluz kull tibdil mehtieg f’ dak il-post jew facilitajiet sabiex id-dhul ikun possibbli.”

“Tenut kont tas-sottomissjonijiet u tal-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta’ konvenuta huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

“[1] Fl-ewwel lok giet eccepita l-irritwalita` tal-procedura adoperata mill-attrici meta dina rreferiet il-kaz taghha lil din il-Qorti permezz ta’ citazzjoni.  Hija ssostni li l-poter moghti lilha bil-ligi u cioe’ mill-Att 1 tas-sena 2000 huwa li din tirreferi l-kaz lil Prim Awla tal-Qorti Civili u mhux li “tagixxi minflok il-persuna li allegatament giet diskriminata.”[3]

“In propositu l-Qorti tosserva li din l-eccezzjoni ta’ natura procedurali tirrigwarda l-mod kif il-Kummissjoni, wara li tkun investigat il-kaz u ghamlet kull sforz sabiex il-vertenza bejn il-partijiet tkun solvuta, ghandha, f’ kaz ta’ ezitu negattiv, tirreferi l-kaz lil din il-Qorti.  Jigi osservat li, ghalkemm l-Att precitat u r-regolamenti tas-sena 2001, juzaw it-terminu “tirreferixxi” [fit-test ingliz “refer”] ma hemmx indikata il-procedura formali li biha l-Kummissjoni ghandha tesegwixxi din il-funzjoni taghha.  Ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehma li, fil-mankanza ta’ forma preskritta mill-ligi, il-Kummissjoni kienet legalment korretta li tipprocedi bil-mod ordinarju tac-citazzjoni, tenut kont ukoll tal-fatt li l-kaz qed jigi riferut lill-Qorti fil-kontradittorju proprju minnhabba litigju ezistenti bejn il-partijiet u l-Qorti qeghda tigi invokata sabiex tirrisolvi l-kwistjoni skond il-ligi.

“Dan isib konfort fid-dispost tal-Artikolu 125, kif ukoll tal-Artikolu 161 li fis-sub inciz [1] jiddisponi li fil-Prim’ Awla tal-Qorti Civili “il-procedimenti ordinarjament jitmexxew b’ citazzjoni” u s-sub inciz [2] jiddisponi li “Il-procedimenti jistghu jitmexxew b’ rikors fil-kazijiet preskritti bi jew skond xi ligi.”  Ghalhekk in mankanza, fil-mument tal-prezentata

[3] Nota tal-eccezzjonijiet – fol.11

tac-citazzjoni, ta’ ligi li tippreskrivi xort’ ohra, il-mod kif ghandha tigi adita l-Prima Awla tal-Qorti Civili fi proceduri kontenzjuzi huwa bil-mezz tac-citazzjoni. Ghal dawn ir-ragunijiet din l-eccezzjoni hija nfondata fid-dritt, stante li ma jirrizultax li l-procedura adoperata tmur kontra xi disposizzjoni tal-Att numru 1 tas-sena 2000 u tal-Avviz Legali 13/2001, li kienu vigenti f’dak iz-zmien.[4]

“[2] Illi t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta hi fis-sens li l-Kummissjoni ma segwietx il-procedura kontemplata fl-imsemmija ligijiet. In propositu l-Qorti tosserva li, filwaqt li ma giex indikat mis-socjeta’ konvenuta ghal liema parti tal-ligi qeghda tirreferi, mill-provi jirrizulta li l-procedura preskritta mill-ligi giet segwita. Di fatti rrizulta pacifiku li fl-20 ta’ April 2000 il-Kummissjoni informat lill-konvenuti bl-ilment li kellha, u talbet ghall-kummenti taghhom u li ser tkompli bl-investigazzjonijiet. Konsegwenzjalment giet skambjata korripsondenza bejn il-partijiet, saru laqghat, tfasslu pjanti u gew skambjati, sar protest gudizzjarju minn naha tal-attrici u kontro protest minn naha l-ohra, saret ittra legali interpellatorja kontenenti wkoll stedina minghajr success sabiex il-kwistjoni tigi riferuta ghal arbitragg; izda dan kollu b’ ezitu negattiv. Dan jissodisfa l-vot tal-ligi u senjatament r-regolament numru [5] tal-imsemmi Avviz Legali li jiddisponi li l-Kummissjoni tista’ tirreferi l-kaz lill-Prim Awla tal-Qorti Civili “after it has made every effort to resolve the matter amicably between all the parties, including resolving the matter by means of arbitration according to the Arbitration Act”. Ghalhekk anke din l-eccezzjoni hija insostenibbli.

“[3] Illi punt iehor sollevat minn naha konvenuta u li jimmerita li jigi kkunsidrat f’ certu dettal huwa dak bazat fuq il-principju lex non habet oculo retro u cioe’ li l-ligi tapplika ghall-futur u mhux ghall-passat. Il-konvenuti jsostnu li l-Att in kwistjoni li gie fis-sehh fl-1 ta’ Ottubru 2000 mhuwiex applikabbli ghall-bini meritu tal-kawza stante li dana ilu hekk kostruwit mis-sena 1992 u, la darba ma hemmx klawsola transitorja li taghmel l-att applikabbli

[4] Jigi rilevat li l-kontenut tal-Avviz Legali 3 tas-sena 2002 m’ ghandux jippregudika l-posizzjoni tal-attrici f’ dawn il-proceduri, stante li dana gie promulat <u>wara</u> l-prezentata tac-citazzjoni odjerna.

retroattivament, allura dan l-Att ghandu japplika biss ghall-bini jew zvilupp li jsir wara l-imsemmija data, u mhux ghall-bini gia ezistenti.

“In vena legali jigi osservat li “Hija regola universalment rikonoxxuta li, sakemm il-ligi stess ma tghidux car, il-ligijiet godda [anke jekk ikunu ta’ ordni pubbliku jew ta’ interess pubbliku], hlief dawk li jirrigwardaw materji procedurali in corso, m’ ghandhomx forza retroattiva.” Dan japplika sakemm il-kuntrarju ma jirrizultax mill-ligi jew espressament jew b’ implikazzjoni. [App.C.Edgar Baldacchino et vs Onor.Dr.Tommaso Caruana Demajo 26.10.1954 Vol.XXXVIIIA.I.61]. Din il-Qorti tikkondividi din il-pozizzjoni guridika, ghax dak li ghandu jiddetermina jekk ligi ghandhiex ikollha effett retroattiv, izjed milli l-interess jew utilita’ pubblika taghha, hija l-intenzjoni tal-legislatur kif espressa fl-istess ligi; fattur li jimporta ezami fil-mod kif il-ligi giet koncepita mill-legislatur u kif eventwalment giet skolpita minnu fil-ligjiet tal-pajjiz.

“Illi minn ezami tal-Artikolu 12 fuq precitat li jittrata proprju l-punt ta’ access ghall-postijiet intizi ghall-uzu tal-pubbliku jirrizulta car li l-ligi tikkontempla kazijiet fejn sabiex il-post isir accessibbli fit-termini taghha jkunu jehtiegu alterazzjonijiet ossia “kull tibdil mehtieg f’ dak il-post jew facilitajiet sabiex id-dhul ikun possibbli.” Minn dan jidher car li l-legislatur ried li anke bini ezistenti li ma jkunx accessibbli ghal persuni b’ dizabilita’ isir accessibbli billi jsir “kull tibdil mehtieg” Din fil-fehma tal-Qorti hija konferma li l-intenzjoni tal-legislatur kienet li kull bini uzat mill-pubbliku ikun accessibbli ghal persuni b’ dizabilita’, anke dak ezistenti u anke jekk ikun hemm bzonn li jsiru alterazzjonijiet ghal dan il-ghan. Din il-konsiderazzjoni tkompli ssib sostenn fl-ezenzjonijiet kontemplati fis-sub inciz [2] tal-istess artikolu, fil-kaz ta’ bini mibni b’ tali mod li persuna b’ dizabilita’ ma tkunx tista’ tidhol f’ mod facli u t-tibdil li jkun jehtieg biex isir accessibbli ghal dawn in-nies jimponi piz mhux gustifikat fuq min ghandu l-obbligi li jipprovdi tali access.[5] Ma hemmx dubbju li f’ dan ir-

[5] Fid-dibattiti parliamentari ssemma l-kaz ta’ hanut zghir li biex tidhol ghalih ghandek tarag gholi u dejjaq

rigward il-legislatur kellu f’ mohhu wkoll bini gia ezistenti li m’ ghandux access facli ghal persuni b’ dizabilita’.

“Fil-fatt is-sub inciz [2] huwa intiz biex l-applikazzjoni tal-ligi ghall-bini gia ezistenti ma jwassalx mill-banda l-ohra ghal piz finanzjarju ezagerat b’ tali mod li jikkrea ingustizzja fuq min genwinament ma jiflahx ghal dak il-piz. Ghalhekk f’ dan ir-rigward ghandu japplika it-test of reasonableness kontemplat u spjegat fl-Artikolu 20 tal-istess Att, li jindika l-fatturi li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjonijiet fl-ezami tal-fattur ta’ “piz mhux gustifikat”. Il-Qorti tosserva li anke dan l-artikolu jikkonforta l-konkluzjoni precitata. Di fatti fis-sub inciz [1] paragrafu [b] jaghmel applikabbli dan il-kriterju tar-ragjonevolezza fil-kaz ta’ htiega ta’ “tnehhija ta’ ostakoli arkitettonici”. Referenza cara ghall-bini ezistenti.

“Illi hija relevanti l-osservazzjoni li, kif jirrizulta minn ezami tat-traskrizzjonijiet tad-dibattiti parlamentari estensivi li saru meta kienet qeghda tigi diskussa l-ligi in parola fil-Parlament, id-Deputati taz-zewg nahat qablu fid-diskorsi taghhom li ghandu jkun hemm access facli ghal persuni b’ dizabilita’ fil-postijiet uzati mill-pubbliku, u, minbarra postijiet kummerjcali u banek, issemmew ukoll l-iskejjel, il-knejjes, bini goverrnattiv, il-bini storiku inkluz l-istess Parlament, kif ukoll il-poliklinici. Inoltre meta l-Onorevoli Ministru li ressaq l-abbozz ghad-dibattitu kien qed jitkellem fuq il-htiega li bini storiku u tezori kulturali jkun accessibbli ghal persuni b’ dizabilita’ huwa registrat li qal hekk: “Ahna ghandna hafna tezori li m’ mhumiex qeghdin jitgawdew jew ma jistghux jitgawdew minn setturi sostanzjali tan-nies taghna u ghandna d-dmir li naghmlu sforz biex din is-sitwazzjoni nirrangawha. Allura anke hawn irridu kemm jista’ jkun naghmlu hilitna biex dawn il-postijiet isiru accessibbli.”[6]

“Fil-fehma tal-Qorti, ir-referenza rikorrenti, waqt id-diskussjoni tal-ligi fil-Parlament, ghall-bini storiku, l-iskejjel u l-knejjes u l-bzonn li dawn ukoll ikunu accessibbli ghal

[6] Seduta Parlamentari numru 215 – 11 ta’ Jannar 2000. Sottolinear ta’ din il-Qorti.

persuni b' disabilita' jikkonfortaw it-tezi li l-ligi kienet u hija intiza sabiex tapplika anke ghall-bini gia ezistenti.

"Inoltre, anke l-istess ratio legis tal-ligi jaghti konfort lit-tezi li l-ligi hija applikabbli wkoll ghall-bini ezistenti. Jirrizulta car, kemm mill-ligi kif ukoll mid-dibattiti parlamentari, li l-iskop primarju tal-ligi huwa l-integrazzjoni shiha fis-socjeta' ta' persuni b' dizabilita' li ghandhom jitqiesu bhala "persuni shah", bhal kull membru iehor tas-socjeta', bid-dritt tal-opportunita' li jghixu hajja indipendenti fi hdan il-kommunita' kollha kemm hi. U ghalhekk tistona il-konsiderazzjoni li, ligi intiza biex tbiddel mhux biss l-istat materjali attwali izda anke, u izjed, il-mentalita' u l-kultura tas-socetja' maltija biex persuni b' dizabilita jtqiesu bhala membri shah tas-socetja' bl-istess opportunita ta' hajja indipendenti, u fl-istess hin tillimita l-applikazzjoni ta' din il-ligi ghall-bini futur, meta f' Malta diga sar tant zvilupp fil-kostruzzjoni u hawn tant bini gia ezistenti.

"Illi dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li l-artikolu 12 tal-Att.1 tas-sena 2000 japplika wkoll ghall-bini ezistenti fl-1 ta' Ottubru 2000

"[4] It-tielet eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta hija fis-sens li hemm access adegwat ghal persuni b' dizabilita' fil-bini in kwistjoni. Di fatti mill-provi jirrizulta li, filwaqt li fuq il-faccata hemm ir-rampa de quo, jirrizulta li mal-genb tal-bini hemm hydraulic lift li tkabbar "to ensure that it could carry a stretcher or a bed from any level to the ground floor level."[7] L-ezistenza ta' dan il-lift giet konfermata wkoll minn Marianna Debono, assistant manager, mal-Kummissjoni li fix-xhieda taghha spjegat li, ghalkemm kien hemm lift ma kienx hemm sinjali ghall-hanut fil-lift; izda kkonfermat li l-lift jaghti ghal hanut Eurosport. "Dorna ftit gewwa u ergajna hrigna kif dhalna."[8] Ma kienx hemm sinjali li juru fejn wiehed kellu jghaddi biex jasal ghall-medical center.

"In propositu l-Qorti tosserva li wiehed mill-ghanijiet ewlenin tal-ligi huwa dak li tinghata d-debita dinjita' lil

[7] Affidavit Ing. Joseph Muscat – fol.141
[8] Fol.84

persuni b' dizabilita' billi kemm hu possibbli tpoggihom fuq pjan ta' parita' ma' membri ohra tas-socejta' bi skop li jkollhom opportunijiet indaqs li jwasslu ghall-integrazzjoni shiha taghhom fis-socjeta'. Issa, tenut kont ta' dan l-ghan principali, il-Qorti tikkonsidera inaccettabbli u kontra l-ispirtu tal-ligi li persuna konfinata f' wheelchair jkollha access biss minn go bieb ta' garage, minghajr direzzjonijiet indikanti l-postijiet fil-kumpless u inoltre fil-genb tal-bini. Il-prinicipju regolanti f' dan ir-rigward ghandu jkun li l-access ghall-bini jkun, sa fejn hu ragjonevolment possibbli, vicin l-access principali minn fejn jghaddi l-pubbliku in generali biex b' hekk jitnaqqas ghal minimu tieghu l-aspett diskriminatorju bil-konsegwenzjali awment tal-fattur tal-integrazzjoni. Ghandu jirrizulta car li mhux kull access ghandu jitqies accettabbli, imma dak biss li jkun vicin kemm jista' jkun l-access normalment uzat mill-membri l-ohra tas-socejta'

"[5] Illi fir-raba' eccezzjoni s-socjeta` konvenuta qed takkampa mal-kuncett ta' "piz mhux gustifikat" kontemplat fis-sub inciz tal-Artikolu 12 li jservi bhala kriterju ta' ezenzjoni minn dak kontemplat fis-sub inciz wiehed; u fid-dikjarazzjoni taghha tghid li dak li qed tipproponi l-Kummissjoni "ser ikerrah il-faccata tal-istabbiliment".[9] In propositu jigi osservat li, apparti l-fatt li mill-ligi johrog car[10] li l-ezenzjoni tal "piz mhux gustifikat" hija bazata fuq kriterji ta' natura finanzjarja aktar milli ta' natura estetika, fil-kaz in disamina l-konvenuti ma ressqux provi in sostenn tal-allegazzjoni taghhom. F' dan il-kaz hija applikabbli l-massima onus probandi ei qui dicit non ei qui negat – min jallega ghandu l-oneru tal-prova; u ghalhekk " ..kien jinkombi fuq [il-konvenuti] li mhux biss jaccennaw li t-tibdil huwa rragjonevoli, imma li l-ewwel jispecifkaw b' mod preciz x' kien hemm irragjonevli jew imprattikabbli fit-tibdil [propost] u ghaliex dan kien ser jitfa' piz mhux gustifikat fuqhom, u mbaghad jgibu provi in sostenn ta' din l-allegazzjoni. Dan kollu [il-konvenuti] naqsu li jaghmluh."[11] In mankanza ta' tali prova l-allegazzjoni ta' "piz mhux

[9] Fol.13
[10] Art.20[2]
[11] Nota osservazzjonijiet – attrici – fol.158

gustifikat” da parti tas-socjeta’ konvenuta ma tistax treggi stante li  mhijex sostnuta mill-provi.

“Din it-tezi konvenuta tkompli tidghajjef bil-konsiderazzjoni li mill-provi rrizulta li l-konvenuti kienu qablu li t-tibdil mehtieg fir-rampa huwa teknikament possibbli, kif timmanifesta l-applikazzjoni ghall-permess relattiv mahgmula minnha lill-Awtorita’ tal-Ippjanar u li giet approvata fit-30 ta’ Awissu 2001, izda xorta wahda x-xoghol baqa’ ma sarx, u fl-ebda stadju ma tressqu provi fis-sens li dan kien jinvolvi piz finanzjarju fuq il-kumpanija. Izda s-socjeta’ konvenuta baqghet ferma fit-tezi taghha li hi ma kinitx obbligata taghmel dawk ix-xogholijiet skond il-ligi, kemm ghax il-ligi, skond hi, ma kinitx applikabbli ghall-post in kwistjoni li kien mibni qabel ma giet fis-sehh il-ligi, kemm ghaliex kien hemm access iehor disponibbli.

“Illi in bazi ta’ dawn il-premessi, il-Qorti tosserva li anke din l-eccezzjoni hija insostenibbli fil-fatt u fid-dritt.

“[6] Illi eccezzjoni ohra tas-socejta’ konvenuta hija fis-sens li saret diskriminazzjoni fil-konfront taghha da parti tal-Kummissjoni meta din “iddecidiet li l-ewwel mira taghha ghandha tkun is-socjeta’ eccipjenti” u dan meta fil-pajjiz hawn hafna bini iehor mhux accessibbli ghal persuni b’ dizabilita’.

“In propositu l-Qorti tosserva li din l-eccezzjoni tfalli fiz-zewg aspetti taghha.  Fl-ewwel lok, tfalli ghax mill-provi rrizultat infondata l-allegazzjoni li bini tas-socjeta’ konvenuta kien “l-ewwel mira” tal-Kummissjoni.  Fil-fatt mill-provi rrizulta li l-Kummissjoni ttrattat ilmenti ohra dwar bini iehor ta’ terzi u waslet f’ arrangament bonarju kif obbligata taghmel bil-ligi qabel ma tasal biex tirreferi l-kaz il-Qorti.  Fil-kaz in disamina, jirrizulta li nonostante li saru diskussjonijiet u skambjar ta’ korrispondenza, is-socjeta’ konvenuta baqghet ferma fit-tezi taghha bil-konsegwenza li l-Kummissjoni ma kellhiex triq ohra hlief li tipprocedi skond id-dettami tal-ligi u senjatamet ir-Regolament 5 tal-Avviz Legali 13/2001.

“Fit-tieni lok, jigi rilevat li, apparti mill-fatt li bis-sahha tas-sub inciz [1] tal-Artikolu 32 il-Kummissjoni ghandha s-setgha li tibda investigazzjonijiet minn rajha “dwar kull haga li tkun tinvolvi att li allegatament jikser xi wahda mid-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att.”; fil-kaz in disamina rrizulta mill-provi li l-investigazzjoni fil-konfront tas-socjeta` konvenuta giet inizjata wara ilment li persuna b’dizabilita` kienet ghamlet mal-Kummissjoni dwar l-inaccessibilita` tal-bini in kwistjoni. Dan jirrendi din l-allegazzjoni ta’ diskriminazzjoni priva minn kull sosteniment fattwali u legali.”

“Illi in konkluzjoni huwa opportun li jigi rilevat li, ghalkemm jirrizulta li l-bini in kwistjoni ilu miftuh ghall-pubbliku mis-sena 1992 u cioe` kwazi tmien snin qabel ma’ giet promulgata l-ligi in kwistjoni, u ghalkemm huwa minnu li s-socjeta’ konvenuta anke f’ dak iz-zmien kienet hasbet sabiex taghti forma ta’ access lil persuni b’ dizabilita` anke peress li minn dan l-istabbiliment jinbiegh apparat ghall-uzu ta’ dawn in-nies, dan il-fatt ma jezonerax lil din is-socjeta’ milli tottempera ruhha mal-ligi vigenti llum li tirrikjedi espressament li l-bini in kwistjoni ghandu jkun accessibbli ghal persuni b’ dizabilita`; u gia la darba r-rampa in parola ma tissodisfax il-kriterji ta’ accessibilita’ ghal dawn in-nies, allura huwa l-obbligu, naxxenti mill-ligi, tas-socjeta’ konvenuta li din taghmel ix-xogholijiet rimedjali necessarji.

“Inoltre ghandu jirrizulta car il-fatt li, ghalkemm jidher li fl-intern tal-bini hemm accessibilita` u possibilita` ta’ manuvrabilita` ghal dawn in-nies, ir-rampa in kwistjoni li taghti access ghall-intern tal-bini, ma tissodisfax il-vot tal-ligi. Dan jirrizulta kemm mic-certifikat tal-Perit Hector Zammit, kif ukoll mill-istess xhieda prodotti mis-socjeta’ konvenuta, li fl-affidavit taghhom ammettew li biex jitilghu r-rampa bil-wheelchair ghandhom bzonn l-ghajnuna. Fi kliemhom: “I ask for a little help up the main entrance ramp.”[12] “All I need is a little help up the main entrance ramp.”[13] In fine il-Qorti tosserva li r-ritratt markat Dok.1

[12] Affidavit Charles Palmier – fol.134
[13] Affidavit Maria Mercieca – fol.135

esebit a fol.62 tal-process mis-socjeta’ konvenuta jaghti konfort lit-tezi tal-attrici u cioe’ li r-rampa hija inadegwata ghal persuna f’ wheelchair li jrid jaccedi wahdu fil-bini in kwistjoni. Fl-ispirtu tal-ligi, din ghandha tigi kostruwita b’ mod li persuna b’dizabilita` jkun jista’ juzaha f’kull kaz u indipendentement mill-fatt jekk isibx ghajnuna jew le.

“Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li l-attrici pprovat sodisfacentement il-kaz taghha fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta u cioe’ li fil-bini fuq indikat intiz ghall-uzu mill-pubbliku ma hemmx access adegwat ghal persuni b’ dizabilita’ bi vjolazzjoni tal-Artikolu 12[1][c] tal-Att.1/2000 u l-konsegwenzjali diskriminazzjoni fil-konfront ta’ dawn il-persuni. Ghaldaqstant it-talbiet attrici huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha.”

**L-appell tal-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportatat u ghalhekk b’rikors intavolat quddiem din il-Qorti fis-16 ta’ Marzu 2005, talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilqa’ t-talbiet [recte: eccezzjonijiet] tal-konvenuti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-Kummissjoni appellata.

Il-Kummissjoni appellata pprezentat risposta elaborata ghar-rikors tas-socjeta` konvenuta fejn talbet li din il-Qorti joghgobha tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanti (fol. 16 ta' l-atti ta' l-appell).

**L-aggravji tal-appellanti.**

Fir-rikors ta’ l-appell tas-socjeta` konvenuta gew elenkati hames lanjanzi u cioe`:

1) Illi mhux minnu li s-socjeta` konvenuta appellanta qatt iddiskriminat kontra persuni b’dizabilita`, meta dawn huma l-iktar nies ghal qalbha li juzaw is-servizzi taghha.

2) Illi l-Att 1 tas-sena 2000 m'huwiex rettroattiv u ma japplikax ghal bini li jkun inbena qabel ma dahlet fis-sehh il-Ligi.

3) Illi l-binja in kwistjoni minkejja li giet mibnija fl-1992 u minkejja s-socjeta konvenuta appellanta ma kelliex obbligu dak iz-zmien li taghmel access ghal persuni b'dizabilita` hadet l-izbriga li taghmel tali access ghal kull persuna li tixtieq tippatronizzaha.

4) Illi l-binja ghandha access adegwat ghall-persuni b'dizabilita` tant illi persuni bi bzonnijiet specjali, jekk ma jistghux jitilghu mir-rampa in kwistjoni, stante li l-gradient tal-istess rampa m'huwiex irpuzat bizzejjed, huma jistghu jaccedu ghal fond minn acces f'G. Dimech Debono Street, B'Kara, kantuniera ma' Psaila Street, fejn l-istess socjeta` appellanta ghandha mhux biss access b'rampi imma wkoll b'lift fejn facilment jista' jidhol wheel chair, u liema lift ghandu wkoll il-facilita` tal-Braille, u jaccedi ghal kull post fil-binja in kwistjoni.

5) Illi minkejja li mhumiex obbligati, is-socjeta` konvenuta appellanta minn zmien ghal zmien tirrinova l-post taghhom u ilhom li applikaw tlitt snin mal-Awtorita` tal-Ippjanar ghal hrug ta' permess biex huma jkunu jistghu jaghmlu rampa bi gradient iktar irpuzat minn dak li hemm illum, pero` sal-gurnata tal-llum, tali permess tal-MEPA ghadu pendenti w ghadu ma harigx.

**Ikkunsidrat.**

Illi meta wiehed jezamina bir-reqqa l-ilmenti fuq elenkati jinduna li fir-realta` l-aggravji mressqa mis-socjeta` appellanti huma tnejn, u cioe` dak li jikkoncerna l-effett rettroattiv ta' l-Att Dwar l-Opportunitajiet Ndaqs (Kap. 413 tal-Ligijiet ta' Malta); u l-aggravju li jikkoncerna l-mertu proprju tal-kawza u cioe` jekk is-socjeta` konvenuta ottemperatx ruhha mal-provvedimenti tal-Kap. 413 billi tipprovdi access liberu ghall-istabilimenti taghha lill-persuni b'dizabilita` u b'hekk ma tistax tigi akkuzata ta' diskriminazzjoni.

**Retroattivita`**

Qed jigi ghal darba ohra sottomess mis-socjeta` appellanti, kif del resto gia` gie sottomess quddiem l-ewwel Qorti, li l-Kap. 413 mhux applikabbli ghaliha billi l-bini minnha okkupat inbena zmien qabel ma din il-ligi dahlet fis-sehh u ma hemm ebda klawsola “transitorja” fl-istess ligi li tirrendi l-provvedimenti hemm maghmula ghal bini gia` ezistenti.

Din il-Qorti ma tikkondividix is-sottomissjonijiet maghmula mis-socjeta` appellanti. Infatti mill-assjem tal-provvedimenti tal-ligi in kwistjoni jidher car li l-iskop tal-legislatur meta ppromulga l-istess att kien li jassigura li persuni b’dizabilta` jkollhom l-possibilitajiet kollha li ghandhom persuni minghajr dizabilita` billi, fost affarijiet ohra, jkollhom access liberu ghal bini fejn generalment il-pubbliku jaccedi. Li tghid li ligi bhal din tapplika biss ghall-bini li jigi kostruwit wara li dahlet in vigore “*defeats the whole purpose*” billi l-maggoranza tal-bini f’Malta kien gia` mibni qabel ma ghaddiet l-istess ligi. Infatti l-hsieb ta’ din il-Qorti jsib konfort f’dawk il- provvedimenti li jinsabu fl-istess att li jittrattaw dawk il-kazi fejn ma jkunx hemm obbligu li jsiru xogholijiet biex jippermettu l-access lill-persuni b’dizabilita` meta dawk ix-xogholijiet jkun gravuzi wisq fuq l-obbligat. Provvediment bhal dan certament japplika ghal bini gia` kostruwit billi dak gdid jkun soggett ghall-iskrutinju tal-Awtorita` ta' l-Ippjanar u l-progett ma jigix approvat jekk ma jikkonfermax mad-dettami tal-ligi. Dan l-aggravju tas-socjeta` konvenuta ghalhekk ma jistax jigi accettat.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Dwar diskriminazzjoni.**

Fl-ewwel lok din il-Qorti hija tal-fehma li akkuza ta’ agir diskriminatorju ma ghandhiex, f’kull cirkostanza, tigi trattata b’mod legger u anqas u anqas fil-kaz in ezami fejn is-socjeta` konvenuta tipprovdi ghal bejgh apparat specjalizzat li jintuza' minn persuni b’dizabilita`. Sejba ta’ diskriminazzjoni tista’ twassal ghal konsegwenzji serji li

jistghu jeffettwaw b’mod avvers in-negozju ta' l-istess socjeta`.

Fil-kaz in ezami jirrizulta li s-socjeta` konvenuta, minkejja li l-Att 1 tas-sena 2000 kien ghadu mhux in vigore meta din bdiet topera mill-istabiliment taghha gewwa Psaila Street, hadet il-briga li tipprovdi access, fil-fehma taghha adegwat, ghal persuni b’dizabilita` billi ikkostruwit rampa fil-faccata tal-istess bini u access ghal “lift” li jwassal ghall-ambjenti kollha ta' l-istess stabbiliment, minn triq ohra mal-genb ta’ l-istess bini. Irrizulta pero` li, fuq rapport ta’ persuna li ssofri minn dizabilita`, ittiehdu dawn il-proceduri, wara indagini maghmula mill-Kummissjoni attrici, li r-rampa ma kinitx tali li tippermetti access facili billi l-“*gradient*” taghha kien qawwi wisq b’mod li persuna go “*wheelchair*” ma setghetx titla' minn din ir-rampa jekk mhux bl-assistenza ta’ terza persuna. Dan l-inkonvenjent bhala fatt jidher li hu ammess mis-socjeta` konvenuta appellanti anke billi din l-istess socjeta` applikat ma' l-awtorita` kompetenti biex tezegwixxi x-xogholijiet rimedjali. Dwar ir-rampa ghalhekk ma hemmx kontestazzjoni. Biss is-socjeta` konvenuta tghid li hija wkoll ipprovdiet “*lift*” li jippermetti access b’”*wheelchairs*” u anke mezzi ohra mhux normali. Dan il-lift jinsab mhux mal-faccata tal-bini tas-socjeta` konvenuta izda mal-genb u biex taccedi ghalih wied irid icempel il-qampiena biex jifthulu u mill-entrata jghaddi ghall-ambjenti sotterranei ta' l-istess bini biex juza l-“*lift*”.

A propositu ta’ dan l-access bil-“lift” l-ewwel Qorti qalet hekk:

“In propositu l-Qorti tosserva li wiehed mill-ghanijiet ewlenin tal-ligi huwa dak li tinghata d-debita dinjita` lil persuni b’dizabilita` billi kemm hu possibbli tpoggihom fuq pjan ta’ parita` ma’ membri ohra tas-socejta` bi skop li jkollhom opportunijiet indaqs li jwasslu ghall-integrazzjoni shiha taghhom fis-socjeta`. Issa, tenut kont ta’ dan l-ghan principali, il-Qorti tikkonsidera inaccettabbli u kontra l-ispirtu tal-ligi li persuna konfinata f’wheelchair jkollha access biss minn go bieb ta’ garage, minghajr direzzjonijiet indikanti l-postijiet fil-kumpless u inoltre fil-

genb tal-bini. Il-prinicipju regolanti f'dan ir-rigward ghandu jkun li l-access ghall-bini jkun, sa fejn hu ragjonevolment possibbli, vicin l-access principali minn fejn jghaddi l-pubbliku in generali biex b'hekk jitnaqqas ghal minimu tieghu l-aspett diskriminatorju bil-konsegwenzjali awment tal-fattur tal-integrazzjoni. Ghandu jirrizulta car li mhux kull access ghandu jitqies accettabbli, imma dak biss li jkun vicin kemm jista' jkun l-access normalment uzat mill-membri l-ohra tas-socejta`"

Fir-risposta ghall-appell tas-socjeta` konvenuta l-Kummissjoni attrici abbrracjat dan l-argument ta' l-ewwel Qorti billi tghid:-
"Illi biex persuni b'dizabilita` ma jigux trattati b'mod anqas favorevoli l-access ghalihom ghandu jkun mill-entratura principali. Fil-binja in kwistjoni entratura ghall-pubbliku wahda hemm: dik f'Psaila Street fejn hemm tarag u rampa li jghatu ghall-bibien li minnu l-pubbliku suppost jista' jidhol fil-hanut u l-*medical centre* li hemm fil-binja. Konsegwentement biex jinghad li s-socjeta` appellanti qed tipprovdi access ghal kulhadd u konformi mal-Kap 413 irid jigi pruvat li l-access li tipprovdi minn Psaila Street huwa adegwat ghall-kulhadd."

Aktar l-isfel fl-istess risposta tal-Kummissjoni appellata, wara li gie affermat li l-bini in kwistjoni "ghandu entratura wahda biss ghall-pubbliku u cioe` dik f'Psaila Street u hija din l-entratura li ghandha tkun accessibbli" l-istess Kummissjoni tkompli hekk:
"Fit-triq tal-genb hemm bieb ta' garaxx. U s-socjeta` appellanti qed tippretendi li persuni b'dizabilita` jidhlu minn dan il-garaxx li di piu` jinzamm maghluq; ghalhekk persuna b'dizabilita` trid iccempel qampiena u tistenna li jigi jiftah xi hadd biex imbaghad issib ruhha fil-basement tal-kumpless meta l-hanut u l-*medical centre* qeghdin fis-sulari ta' fuq. Dan huwa l-kaz klassiku ta' sitwazzjoni fejn f'cirkostanzi li huma simili persuna tirtatta persuna b'dizabilita` b'mod anqas favorevli milli titratta persuni li m'ghandhomx dik id-dizabilita`. U hija din id-diskriminazzjoni li hija proibita mill-ligi."

Issa, apparti kif il-Kummissjoni qed tifhem il-punt legali dwar f'hiex tikkonsisti d-diskriminazzjoni, tajjeb li qabel xejn wiehed jara ezattament x'tghid il-ligi. L-Artikolu 12 tal-Kap. 413 - u hu importanti li wiehed jara l-artikolu fit-totalita` tieghu - jipprovdi hekk:
"**12.** (1) Salv kif provdut fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, hadd ma jista' jiddiskrimina kontra persuna ohra minhabba fid-dizabilita` ta' dik il-persuna l-ohra jew f'dizabilita` ta' xi wiehed mill-membri tal-familja ta' dik il-persuna l-ohra -

*(a)* billi jichad milli jhalli lil dik il-persuna l-ohra milli tidhol gewwa jew tuza' xi post, jew xi facilitajiet li jkunu jinsabu f'dak il-post, li l-pubbliku jew settur tal-pubbliku jkollhom jedd jew permess biex jidhlu fih jew juzawh (sew bi hlas sew le); jew

*(b)* fil-patti jew kondizzjonijiet li bihom dik il-persuna tkun lesta thalli lil dik il-persuna l-ohra li tidhol gewwa, jew li tuza' dak il-post jew dawk il-facilitajiet; jew

*(c)* ghar-rigward ta' l-ghoti ta' mezzi ta' dhul f'dak il-post inkluz kull tibdil mehtieg f'dak il-post jew facilitajiet sabiex id-dhul ikun possibbli; jew

*(d)* billi jgieghel lil dik il-persuna l-ohra li titlaq minn dak il-post jew li tieqaf milli tibqa' tuza' dawk il-facilitajiet jew li jaghmel restrizzjonijiet mhux gustifikati b'kull mod li jkun fuq l-uzu taghhom.

(2) Meta -

*(a)* il-post jew facilitajiet imsemmija qabel f'dan l-artikolu jkunu mfasslin jew mibnija b'tali mod li persuna b'dizabilita` ma tkunx tista' tidhol fihom b'mod facli; u

*(b)* it-tibdil li jsir f'dak il-post jew facilitajiet jimponi piz mhux gustifikat fuq kull min jista' jkun mehtieg li jipprovdi dak id-dhul,

ma jkunx kontra l-ligi li dik il-persuna tiddiskrimina kontra persuna b'dizabilita` billi tichadlu d-dhul gewwa, jew l-uzu ta' xi post jew facilitajiet bhal dawk imsemmija fil-paragrafu (*a*) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jew li tichad li twettaq xi tibdil f'dak il-post jew facilitajiet li kieku xort'ohra jaghmlu d-dhul gewwa dak il-post jew f'dawk il-facilitajiet possibbli ghal persuna b'dizabilita`."

Minn qari akkurat ta' din id-disposizzjoni - bil-paragrafi (a) sa (d) tas-subartikolu (1) mqeghdin b'mod alternattiv u mhux kumulattiv - jemergu certi elementi indikattivi ta' dak li qed jikkontempla l-legislatur bhala "diskriminazzjoni" ghall-finijiet tal-ligi in dizamina. Fl-ewwel lok il-legislatur qed jirreferi hawn ghal post pubbliku jew post accessibbli ghall-pubbliku. Ma hemmx dubju li l-istabbiliment tas-socjeta` konvenuta appellanti hu, ghalkemm post privat, accessibbli ghall-pubbliku ghax, fil-hinijiet li l-hanut ikun miftuh il-pubbliku in generali ghandu "permess biex [jidhol] fih". Fit-tieni lok, il-legislatur kjarament qed jikkontempla aktar minn xenarju wiehed ta' diskriminazzjoni, riflessi dawn ix-xenarji fil-paragrafi (a) sa (d). Meta wiehed jorbot is-subartikolu (2) mas-subartikolu (1), il-konkluzjoni ma tistax tkun ghajr li, biex wiehed jasal ghall-konkluzjoni jekk kienx hemm diskriminazzjoni f'dak li hu access ghal post pubbliku jew accessibbli ghall-pubbliku, wiehed irid jara c-cirkostanzi <u>kollha</u> tal-kaz u jara jekk, fil-kaz konkret, l-access ghal dak il-post kienx wiehed ragjonevoli o meno. Din il-Qorti certament ma tikkondividix il-konkluzjoni li jidher li waslet ghaliha l-ewwel Qorti li, ghax ikun hemm access <u>iehor</u>, possibilment mill-genb (u allura mhux mill-faccata jew minn fejn il-bieb principali) allura necessarjament hemm xi forma ta' diskriminazzjoni minhabba xi sens ta' "umiljazzjoni" filli wiehed jidhol minn *side door* flok mill-bieb principali. Huwa xieraq li jigi osservat a propositu li l-ligi in kwistjoni giet promulgata recentement u ghalhekk hafna bini mibni precedentement ma kienx jahseb ghal access ghal persuni b'dizabilita`. Isegwi li f'certi kazi it-tibdiliet mehtiega sabiex isiru dawk

il-facilitajiet biex dak l-access jigi moghti mhux dejjem jkunu possibbli li jsiru fil-faccata fejn jinsab id-dhul principali u jkunu jridu jsiru bnadi ohra. Biex tinsisti li dak l-access bilfors jrid jkun mill-faccata fejn jinsab il-bieb principali jista’ johloq piz mhux gustifikat fuq sid il-post b’mod li hafna mill-ambjenti pubblici jkunu ezenti mill-applikazzoni ta’ l-Artikolu 12 tal-Att.

Li jrid jigi stabbilit ghalhekk hu jekk l-access min-naha tal-genb tal-bini tas-socjeta` konvenuta huwiex tali li jipprovdi access ragjonevoli lill-persuni b’dizabilita` minghajr tfixkil. F’dan ir-rigward gie osservat li l-access ghall-“lift” hu minn bieb ta’ garaxx li jkun maghluq u jinfetah kemm-il darba wiehed icempel il-qampiena. Inoltre qabel ma tasal ghal “lift” trid tghaddi mill-ambjenti sotteranei ta' l-istess bini.

Fil-verita` din il-Qorti tirravisa certa inkonvenjent f’dan il-mezz ta’ access ghall-bini tas-socjeta` konvenuta u kien ikun ferm desiderabbli wkoll li kieku kien hemm sinjali cari li juru minn fejn u kif persuna b'dizabilita` tista' taccedi ghal go l-ambjenti kollha tal-hanut in kwisjtoni;  biss jigi osservat li access ikkontrollat ma jfissirx li ma hemmx access kif jinghad fl-Artikolu 12 fuq citat. Infatti llum hija prattika generalment uzata mill-banek u anke stabbilimenti ohra li, ghar-ragunijiet ta’ sigurta`, l-access ghall-pubbliku jkun ikkontrollat jew permezz tal-prezenza tal-pulizija jew billi l-bieb jkun maghluq u jinfetah biss fuq rikjesta tal-klijent. Din il-Qorti tifhem li l-access ikkontrollat provdut mis-socjeta` konvenuta ghalkemm jammonta jew jista’ jkun ta’ inkonvenjent qatt ma jista’ jammonta ghal diskriminazzjoni kif trid il-ligi, u dan ghax, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-access provdut mill-bieb tal-genb, abbinat mar-rampa, kien wiehed ragjonevoli.

Kwantu ghar-rampa, ghalkemm din kienet difettuza fis-sens li l-"gradient" taghha kien jirrikjedi li persuna fuq "wheelchair" tkun assistita (ara d-deposizzjoni ta' Marianne Debono a fol. 84 *et seq.*), ghan-nuqqas taghha certament jaghmel tajjeb l-access mill-bieb tal-genb u bil-lift li hemm ghall-ambjenti tal-hanut, lift li mhux biss jiehu *wheelchair* izda anke *stretcher* jew sodda fuq ir-roti. Konsegwentement ma hemm lok ta' ebda dikjarazzjoni ta'

diskriminazzjoni fis-sens ta' l-Art. 12 aktar 'il fuq imsemmi; u ghalhekk anqas hemm lok ta' xi ordni ghalbiex isiru xi xogholijiet.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti, filwaqt li tilqa' t-tielet eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta appellanti, tilqa' l-appell u thassar u tirrevoka s-sentenza appellata.  Fic-cirkostanzi u stante n-novita` tal-kaz, l-ispejjez, kemm dawk ta' l-ewwel kif ukoll ta' din l-istanza, ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------